# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 9**

**Rikors numru 236/15AGV**

**John Agius**

**v.**

**Jane Agius**

1. B'rikors preżentat fit-12 ta' Mejju, 2017 ir-rikorrent talab lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tittermina l-komunjoni tal-akkwisti li għandu ma' martu l-intimata (artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili). Talba li saret fil-mori tal-kawża ta' separazzjoni li hemm pendenti bejn il-partijiet.

2. B'deċiżjoni tal-11 ta' Diċembru, 2018 l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent wara li kkunsidrat:-

*"Huwa fatt li jekk jigi accettat ix-xoljiment, dan qed jirreferi ghal kull azzjoni futura li jsir mill-partijiet. Effettivament, l-assi diga' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti mhux ser jigu likwidati u assenjati, ghajr meta tinghata s-sentenza ta' separazzjoni finali u konkluzziva. Il-periklu sta fil-fatt, li r-rikorrent ghandu diversi proprjetatjiet parafernali u l-istess intimata hija intitolata ghall-kreditu mill-komunjoni kif ukoll ghall-prelevament f''ammont sostanzjali u ghalhekk dina l-Qorti tista' tifhem il-preokkupazzjoni tal-intimata li tista' tigi pregudikata bix-xoljiment tal-komunjoni – ir-rikorrent jista' jiddejjen u jiggarantixxi l-istess dejn bil-proprjetatjiet tieghu a skapitu tal-intimata.*

"*Huwa minnu ukoll li l-argument tal-intimata jista' ma jkollux fondatezza legali u dan minhabba li jezistu l-azzjonijiet kawtelatorji biex tissalvagwardja dan il-pregudizzju. Madanakollu, ghandu jitqies li mill-provi migbura tul is-separazzjoni, ir-rikorrent qed jircievi l-kirijiet minn dawn il-postijiet, qed jircievi d-dividends u zbanka xi flus. Jezistu pero' krediti favur l-intimata u tenut kont tal-fatt li l-uniku ass tal-komunjoni, ghandu d-dejn fuqu, bir-riskju li r-rikorrent jaghmel xi dejn iehor mat-terminazzjoni tal-komunjoni, ipoggiha f'posizzjoni prekarja jekk tigi mwarrba bhala kreditrici primarja ghal dak li hu dovut lilha mill-istess komunjoni.*

"*Kunsiderazzjoni ohra hija li l-provi llum jinstabu fi stadju avanzat, fejn l-intimata qieghda tikkonkludi l-provi taghha. Aktar minn hekk ir-rikors gie pprezentat fit-12 ta' Mejju, 2017 u nel frattemp mhux talli ghaddiet sena, talli l-partijiet kienu sahansitra tul dan iz-zmien jesploraw il-possibilita' ta' separazzjoni konsenswali u ghalhekk, verament ma tinhassx in-necessita' tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, f'mument fejn il-kawza kwazi qed tigi transatta, jew fin-nuqqas, waslet addiritura fl-istadji konkluzivi taghha.*

"*Ghalhekk, wara li l-Qorti analizzat is-sottomissjonijiet tal-partijiet u wara li evaluwat il-fatti kollha tikkonkludi ghab-bazi tar-ragunar fuq espost, li ma hemmx lok ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti".*

3. Mid-deċiżjoni appella r-rikorrent fejn argumenta li l-biża' li għandha l-intimata jistgħu kollha jiġu rimedjati bil-ħruġ ta' mandati kawtelatorji. Kompla:

*"fil-fatt 'l-inkubu' illi tgħid illi għandha l-appellata illi jekk il-waqfien tal-komunjoni jiġi ordnat, żewġha l-appellant jista' jgħabbi l-proprjeta parafernali tiegħu bid-dejn, m'huwiex argument serju.* ***L-***

***esponent jista' llum – fl-assenza ta' mandati kawtelatorji u anke qabel ma jiġi ordnat il-waqfien tal-komunjoni – liberament jbiegħ din il-proprjeta tiegħu**.*

"*Illi inoltre l-aritmetika illi l-appellata introduċiet fis-sottomissjonijiet biex tagħti xejra ta' oġġettivita' lil dawn il-biżgħat tagħha ma hijiex ċara. Hija tibża' illi – għaliex il-ġid partikolari tal-appellant huwa ferm akbar mill-ġid komuni – illi l-valur tal-ġid komuni ma jkunx biżżejjed biex jagħmel tajjeb għal sehem l-appellata mill-istess dejn. Is-sehem qatt ma jista' jkun akbar mis-sħiħ"*.

4. L-appellata wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

5. Quddiem l-ewwel Qorti ma jirriżultax li nstemgħu xhieda dwar it-talba tar-rikorrent. Fit-tweġiba li ppreżentat quddiem l-ewwel Qorti, l-intimata qalet li:

i. L-assi prinċipali fil-komunjoni tal-akkwisti hu l-appartament numru 3, 43, Triq iż-Żebbuġa, Gudja. Qalet li l-perit inkarigat mill-Qorti fil-kawża ta' separazzjoni ta stima ta' €110,000 u għadu qiegħed jitħallas dejn fuqha;
ii. Għandha kreditu parafernali ta' €28,000 fir-rigward ta' proprjeta` parafernali ta' żewġha (kif stmat mill-perit tekniku), għal xogħol li sar fiha;
iii. Waqt iż-żwieġ inbena blokk flats u garaxxijiet fuq art proprjeta` parafernali tar-rikorrent, li l-perit tekniku ta stima li għandhom valur ta' €112,600;

iv. Ir-rikorrent qiegħed jikri l-proprjeta` li nbniet fiż-żwieġ u għandu introjtu ta' €1,000 fix-xahar;

v. Ir-rikorrent ġibed is-somma ta' €35,000 minn kontijiet bankarji;

6. Quddiem l-ewwel Qorti, l-intimata argumentat li jekk tintlaqa' t-talba ikun ifisser li r-rikorrent jista' *"... **jgħabbi l-proprjeta` parafernali tiegħu b'dejn u juża l-istess bħala garanzija**, bil-konsegwenza li meta din l-Onorabbli Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tal-komunjoni, l-esponenti mhux ser ikollha mod kif tiġbor il-krediti dovuti lilha u sehemha mill-komunjoni"*.

7. L-artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li l-qorti tista' tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda jekk, ***"....parti tkun ser issofri "preġudizzju mhux proporzjonat"***.

8. Il-Qorti tibda biex tosserva li llum ir-rikorrent diġa` qiegħed f'posizzjoni li jgħabbi l-proprjeta` parafernali tiegħu bid-dejn u juża l-istess bħala garanzija. Dan irrispettivament mill-fatt li bħalissa għad hemm il-komunjoni tal-akkwisti. Skont il-liġi ir-rikorrent jgawdi l-amministrazzjoni tal-beni parafernali tiegħu. L-ewwel Qorti stess irrikonoxxiet li għall-biża` li għandha l-intimata, *".... jeżistu l-azzjonijiet kawtelatorji biex tissalvagwardja dan il-preġudizzju"*.

9. L-ewwel Qorti osservat ukoll li waqt il-ġbir ta’ provi fil-kawża ta’ separazzjoni, irriżulta li r-rikorrent qiegħed jirċievi kirjiet, *dividends* u wkoll ġibed flus.

10. Bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, ikun ifisser li l-introjtu kollu li għandu r-rikorrent mill-proprjeta parafernali, mhux ser jibqa’ jidħol fil-komunjoni tal-akkwisti. Dan meta skont l-artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili, fil-komunjoni tal-akkwisti jidħlu *“il-frottijiet tal-beni tal-partijiet miżżewġa”*. Għal din il-Qorti dan hu preġudizzju konsiderevoli għall-intimata meta tqis li l-komunjoni tal-akkwisti għandha favur tagħha kreditu ta’ eluf ta’ euro fil-konfront tar-rikorrent. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li:-

i. l-assi prinċipali tal-komunjoni tal-akkwisti hu appartament li ġie stmat fis-somma ta’ €110,000 u li dwaru għad hemm self li jrid jitħallas;
ii. il-kreditu kontra r-rikorrent jidher li hu ferm iktar mis-sehem li għandu fl-appartament;
iii. parti mill-introjtu minn proprjeta` parafernali, qiegħed isir b’riżultat ta’ benefikati li saru bi flus tal-komunjoni tal-akkwisti.

iv. l-intimata issostni li r-rikorrent illikwida u żbanka eluf ta' euro tal-komunjoni tal-akkwisti. Allegazzjoni li r-rikorrent ma ċaħadx.

11. F'dan ix-xenarju l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju jwassal għall-preġudizzju mhux proporzjonat għall-intimata. Ikun ifisser li filwaqt li r-rikorrent ikollu t-tgawdija assoluta tad-dħul mill-proprjeta parafernali tiegħu, l-intimata mhux ser tkompli tgawdi iktar mill-introjtu ta' dik il-proprjeta` minkejja l-fatti li ssemmew hawn fuq. Dan meta jidher li hemm ammont mhux żgħir ta' depożiti bankarji li ttieħedu u investimenti li nqalbu. Ovvjament dan iktar u iktar meta m'hemmx indikazzjoni li fil-kawża tas-separazzjoni l-intimata qegħda taddotta manuvri sabiex ittawwal il-kawża bla bżonn.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell tar-rikorrent u tikkonferma s-sentenza tal-11 ta' Diċembru, 2018 bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr